## Attivitajiet għax-xahar t'Ottubru

Il-Ġimgħa 4 t'Ottubru: Project House 8.30 p.m. Illum se nerġgħu nibdew niltaqgħu Project House. Se nagħmlu diskussjoni bejn il-membri dwar l-attivitajiet li saru fis-sajf x'tixtiequ li nagħmlu fix-xitwa u xi punti oħra.

Il-Ġimgħa 11 t'Ottubru: Project House 8.30 p.m. Illum se nagħmlu xi logħob bejnietna li jismu "No Panic". Se jmexxu Mae u Mark.

Il-Ġimgħa 18 t'Ottubru: Project House 8.30 p.m. Illum Kristina Vella il-Counsellor tal-grupp se tagħtina laqgħa bejnietna fejn se tiddiskuti xi problemi li jistgħu jinteressawna bħala romol.

Il-Ġimgħa 25 t'Ottubru: Illum se niċċelebraw il-birthday celebrations ta dawk li għalqu sninhom f'Ottubru. Se niċċelebrawh tas-Sliema fil-Bar and Restaurant Cuba fuq il-front ħdejn Giorgio. Niltaqgħu fit-tmienja ta' filgħaxija (8 p.m.) quddiem Marks & Spencer tas-Sliema.


**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**





**Volum 15, Ħarga 7** **Ottubru 2013**

Għeżież ħbieb,

Għadda s-sajf u erġajna lura ġewwa Project House. Nirringrazjaw 'l Alla li għad baqgħalna fejn niltaqgħu għax kellna xorti ma tlifniehx. Għalhekk importanti li dan il-post nibżgħu għalih għax m'hijiex faċli ssib post fejn tiltaqa' mingħajr ma tħallas il-flus. Nispera li kulħadd jifhem it-taħbit u l-inkwiet sakemm irranġajna biex żammejna l-post u nixtieq nerġa nirringrazzja lil kull min għen f'dan ir-rigward.

Nixtieq infakkarkom li l-laqgħat ġo Project House jibdew dejjem fit-8.30 p.m. Kien hemm min staqsieni biex nibdew aktar kmieni izda peress li hemm ħafna nies li jaħdmu dan mhux possibli.

Fl-erbgħa t'Ottubru se nagħmlu diskussjoni li hija feedback tal-attivitajiet tas-sajf fejn intom tistgħu tesprimu l-opinjonijiet tagħkom dwar dak li għoġobkom jew le u x'nistgħu nagħmlu biex invarjaw u nagħmlu attivitajiet oħra differenti. Iktar ma ttuna idejat aktar aħjar għax kultant insibuha diffiċli li dejjem irridu nivvintaw attivitajiet differenti. Għalhekk kull min jista' joffri xi talenti jew idejat huwa mistieden jagħmilhom.

Dan ix-xahar ukoll se nistiednu lil Ms. Christina Vella Counsellor tal-group biex terġa tiġi tagħtina talk. Naf li kien hawn min fittex l-għajnuna tagħha fis-sajf u nispera li nkomplu nfittxu s-servizzi tagħha. Din hija persuna li offriet is-servizzi tagħha volontarjament u għalhekk tajjeb li napprezzaw dan it-tip ta' servizz u nagħmlu użu tajjeb minnu. Jiena ċerta li jista' jsir ħafna ġid.

Nispera li dawk kollha li fis-sajf ma setgħux jiġu jibdew jerġgħu jiġu ladarba nerġgħu nidħlu fi Project House. Għalkemm ħafna mill-attivitajiet kienu suċċess u kellna attendenza tajba, kien hemm membri oħra li jew għax kienu mpenjati jew għax is-sajf minnu innifsu jħarbatna niġru 'l hawn u 'l hemm li bilkemm rajnihom fis-sajf. Nispera li dawn nibdew narawhom.

Narawkom!

Dejjem tagħkom

*Maria*

# Il-Ħolma

Mela darba kelli ħolma
Li fuq cruise liner jien kont tlajt;
Kont ma' grupp imdaqqas ġmielu
Biljett b'xejn kont iddubbajt.

Kien jum stramb, bir-riħ u xemxi
Daqqa ċlampu, daqqa sabiħ,
Il-baħar kien ċarissimu
Li kważi kont tara l-qiegħ.

Tlajna fuq u dħalna ġewwa
Veru kien vapur sabiħ,
U waqafna fejn dehrilna
Biex ilkoll nitpaxxew bih.

Daħħluna ġo sala kbira
B'ħafna mwejjed imżejnin,
B'kull tip t'ikel u inbejjed
Kollox frisk u kollox bnin.

Ġbajna w kilna sa ma' nfqajna,
Daru bina mill-aħjar,
Kulħadd xtaq illi hemm jibqa'
Ħadd ma xtaq imur id-dar.

Imma fl-aħħar kellna nqumu
Il-Ħolma waslet fit-tmiem,
Għax meta gost tkun qed tieħu
Qasir ħafna jkun iż-żmien.

Issa kieku kellu jiġri
Bħal dil-ħolma oħra ssir?
Isa Mark erġa' ipprova
Għamlilna dan il-pjaċir.

*Ġużè*



